**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta' Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**BERNARD CALLEJA**

Kump Nru. 1338/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Bernard Calleja** detentur ta' karta tal-identita numru 359459M, gie akkuzat talli bejn l-2004 u l-2010 minn gewwa l-Craft Centre fi Pjazza San Gwann il-Belt Valletta b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

Appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe appropja ruhu minn flejjes jew oggetti ohra, oggetti kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, meta l-imsemmija oggetti kienu gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju, bi ksur ta' Artikoli 18,293 u 294 ta-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-22 ta' Novembru 2012 (ara *folio* 4) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-imputat jitlob il-klemenza ta' din il-Qorti meta tigi biex tikkonsidra il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni msemmija migjuba kontra tieghu giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni tal-imputat, anki jekk din zgur ma tistax titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reat kommess;
3. Il-fedina penali kwazi netta tal-imputat;
4. It-trapass taz-zmien;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija – u f'dan il-kaz jigi mfakkar li l-ammissjoni zgur ma kinitx wahda bikrija - ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala depozizzjonijiet ta' xhieda.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Decide;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil Bernard Calleja hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Bernard Calleja bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Bernard Calleja fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur